Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,696, 27 ta' Ottubru, 1998
Taqsima B

A.L. 234 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-Fakulta' tal-Kirurġija Dentali, 1998

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-Fakulta' tal-Kirurġija Dentali, 1998.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' tal-Kirurġija Dentali;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.

Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1993 jew wara.

Reġistrazzjoni

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-gradwati bil-grad ta' B.Ch.D. ta' din l-Universita' li għaddew mill-Eżami Finali tal-B.Ch.D. mill-ewwel b'mill-anqas Grad

B f'dak is-suġġett li se jagħżlu għall-istudji tagħhom, u li jkunu kisbu l-grad ta' B.Ch.D. mill-anqas sentejn, u mhux aktar minn għaxar snin, qabel ma japplikaw għall-Kors, ħlief bil-permess speċjali tas-Senat.

(2) Il-kandidati li diġa' taw evidenza ta' kapaċita' għar-riċerka u li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti msemmija fil-parargrafu (1) ta' dan ir-regolament jistgħu japplikaw lill-Bord għall-permess biex jirreġistraw għall-Kors. Jekk jiġu aċċettati mill-Bord u mis-Senat, dawn il-kandidati għandhom ikunu meħtieġa joqogħdu għall-eżami ta' kwalifika speċjali bil-miktub, normalment f'aktar minn suġġett wieħed, kif ikun indikat mill-Bord.

Il-Format u l-Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

4. Id-dissertazzjoni għandha tkun miktuba bl-Ingliż.

5. L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw sunt qasir tad-dissertazzjoni, ta' mhux aktar minn 300 kelma, ma' kull kopja tad-dissertazzjoni li tingħata lill-Università'.

6. L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu tliet kopji tad-dissertazzjoni għall-eżami li għandhom ikunu llegati kif xieraq. Fi żmien tlett xhur wara li jgħaddu mill-eżami tad-dissertazzjoni, u qabel l-għoti tal-Grad, l-istudenti għandhom jissottomettu tliet kopji tad-dissertazzjoni llegati kif ġej:

Il-qis tal-karta: A4 (11.7" x 8.3")

Il-marġni: 1.5" fuq ix-xellug biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu llegati

Il-legatura: Art vellum jew drapp: *overcast*; it-trufijiet mhux maqtugħin; b'ittri skuri u bid-deheb (1.25" sa 0.5")

Għandha tinkludi: il-Grad, id-Data, l-Isem ta' l-Istudent.